



*"Il-fidi nisranija dejjem kienet f'nisġa waħda ma' dak li lilna tana identita' bħala poplu u nazzjon."*
(Mill-Pastorali ta' l-Isqfijiet għas-Sena Pawlina)

Din hi stqarrija ħafna importanti li jagħmlu l-isqfijiet tagħna proprju fid-daħla ta' l-ittra pastorali tagħhom għal din is-sena li qed tiftaħ quddiemna, Sena Pawlina.

Dan ifisser li l-Maltin jibqgħu jintgħarfu bħala poplu jekk jibqgħu jkunu Kristjani. Tgħid Malti u tgħid Kristjan għandha tfisser l-istess ħaġa.

U nistqasu: minnu dan fiż-żminijiet li qed ngħixu fihom illum? Iħarsu lejn il-Vanġelu u l-ħajja li jipproponi dawk li għandhom is-setgħa mogħtija lilhom mill-bnedmin biex jiffurmaw soċjeta' meta jiġu biex ifasslu liġijiet ġodda għall-pajjiż? Fi kliem ieħor, il-ligijiet Maltin jaqblu mal-Liġi ta' Alla?

Nitolbu biex qatt ma naslu li nieħdu, aħna minn aħna u f'liema pożizzjoni nsibu ruħna fis-soċjeta', dak li għaddewlna missirijietna u ma nistħu qatt li ngħidu min aħna, Kristjani! Anzi, dak hu l-veru ġieħ tagħna.

*Arċ. Kan Dr Joe Zammit - Qala*

## *Jistgħu jinteressawk*

| | |
|---|---|
| *Erbgħa 30 ta' Lulju:* | *Quddiesa fl-anniversarju tal-mewt ta' Dun Mikiel Attard (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, Victoria 7.00p.m.* |
| *Erbgħa 30 ta' Lulju:* | *Gozo International Celebration (Pjazza San Ġużepp, Qala)* |
| *Ħamis 31 ta' Lulju:* | *Amministrazzjoni tas-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil ulied l-emigranti (Qala 7.00p.m.)* |

*gozopress • 21551534*

# *It-Talba tal-ġimgħa*



Mulej Ġesu' int ġejt biex twaqqaf is-saltna tiegħek fostna u ridtna ngħixu fiha b'mod li nakkwistaw is-Saltna ta' dejjem. Agħmel li xejn ma' nqisu iktar prezzjuż minn din is-saltna.



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Is-17-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2053) • 27 ta' Lulju 2008



**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew** (Mt. 13, 44-52)
F'dak iż-żmien Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu, "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu u jaħbih, u kollu ferħan imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik l-għalqa.

"Tixbah ukoll is-Saltna tas-Smewwiet lil wieħed neguzjant ifittex ġawhar fin; meta sab waħda tiswa ħafna, mar biegħ kull ma kellu u xtara lilha.

"Tixbah ukoll is-Saltna tas-Smewwiet lil xibka mitfugħa l-baħar li fiha jinġabar minn kollox. Meta timtela jtellgħuha x-xatt, u joqogħdu bilqiegħda, jiġbru fil-kannestri dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin. Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.

**RIFLESSJONI**

- X'inhu l-ikbar teżor fil-ħajja tiegħek ?
- X'lest li tħallas biex takkwista t-teżor l-iktar prezzjuż ?
- Għandek sens ta' valuri ? Liema huma l-iktar valuri li qed nagħżel ?
- Qabel tagħmel l-għażliet tiegħek, tagħmel differenza bejn il-valuri li huma għal ftit u dawk li jibqgħu għal dejjem ?
- Tħossok ferħan meta tagħżel li tgħix l-valuri nsara anke jekk jiswewlek tbatija?